

# 60+: ATTIVI GĦAL DEJJEM!

In-numru ta' nies fl-Unjoni Ewropeja li għandhom 65 sena jew iktar huwa mistenni li jiżdied b'45% bejn l-2008 u l-2030. L-2012 hija s-Sena Ewropea għal Xjuħija Attiva u s-Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Dan huwa ċans fejn ħafna minnha nistgħu nieqfu ftit u nirriflettu dwar kif ħafna Ewropej qed jgħixu iktar minn qatt qabel u jibqgħu b'saħħithom. Mhux hekk biss; għandha tkun sena li fiha nirrealizzaw x'opportunitajiet jeżistu għal ġenerazzjonijiet differenti.

Fil-fatt, ix-xjuħija attiva tagħti ċ-ċans lill-anzjani li:

- jibqgħu fil-qasam tax-xogħol u jaqsmu l-esperenzja tagħhom ma' dawk iżgħar minnhom;
- jżommu l-irwol attiv u importanti li għandhom fis-soċjetà;
- jibqgħu b'saħħithom u b'ħajja mimlija kemm jista' jkun.

Għalhekk huwa kruċjali li jkun hemm solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet fi ħdan is-soċjetà, speċjalment minħabba l-fatt li n-numru ta' anzjani qiegħed dejjem jikber.

X'inhi l-isfida tal-politiċi u l-imsieħba soċjali f'dan ir-rigward?

- Li jtejbu l-opportunitajiet għal xjuħija attiva u għal għajxien indipendenti;
- Li jaħdmu f'oqsma diversi bħalma huma l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, it-tagħlim tul il-ħajja, il-volontarjat, il-housing, is-servizzi tal-IT u t-trasport.

Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt